## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

### IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. MARLON ZARB (KI. 486288M)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**13/09/2022**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

Taħrika ta' Kawża: **PULIŻIJA** Lil: **MARLON ZARB (486288M)** Vettura: **ZZZ180 SSANG YONG**
Billi int akkużat talli fid-data, ħin u post hawn imsemmi
Data u Ħin: **Nhar is-17/12/2018 ghal habta ta`23:25hrs u nhar it-18/12/2018 ghal habta ta`16:30 u fil-granet ta`wara**
Post: **Gewwa l-Gzejjer maltin u gewwa l-Ghassa tal-Pulizija Rabat Malta** Lokalita': **Gzejjer Maltin**

**(1) Ghamilt uzu minn numru ta` identifikazzjoni xort` ohra minn dak moghti mill-pulizija jew mill-Awtorita dwar xi vettura bil-mutur partikolari** ( Kap 65 Artiklu 15 (1A) )

**(2) Ghamilt uzu minn marka ta` Registrazzjoni xort` ohra minn dik moghtija mill-Awtorita dwar xi vettura bil-mutur partikolari** ( L.S. 368.02 Artiklu 44 (5) )

**(3) Kellek vettura bil- mutur fit- triq, kemm jekk ipparkjata, kemm jekk qed tintuza minghajr licenza ghac-cirkolazzjoni valida, jew permess ghac-cirkolazzjoni validu jew diska ta` licenza temporanja valida, mahruga mill-Awtorita** ( L.S. 368.02 Artiklu 13 (2) ) X

**(4) Kellek fil-pussess tieghek, jew taht ir-risponsabbilta tieghek, vettura li ma gietx rregistrata ma l-Awtorita ghat-Transport f`Malta.** ( L.S. 368.02 Artiklu 3 ) P

**(5) Bhala sid jew xufier ta` l-imsemmija vettura bil-mutur, inqast li tara li l-licenza kienet mwahhla man-naha tax-xellug tal-windscreen.** ( L.S. 368.02 Section 17 (2)(a) ) X

**(6) Bhala persuna volontarjament ksirt il-paci pubblika u l-bon ordni b`ghajjat u storbju jew b`mod iehor** ( Kap 9, Artiklu 338 (dd) ) ✓

**(7) Inqast li tobdi l-ordnijiet legittimi mghotija lilek mill-puluzija jew min ufficjal iehor ta` awtorita ohra waqt il-qadi ta` dmirijiethom, jew ma hallejtx, jew fixkilthom jew b`xi mod bla jedd indhalt fl-istess dmirijiet billi ma hallejthomx jaghmlu jew hassart dak li kienu qed jaghmlu.** ( Kap 9 Artiklu 338 (EE) ) ✓

**(8) Ghamilt uzu mill-imsemmija vettura u nqast li ggorr mieghek ic-certifikat ta` registrazzjoni kif ukoll inqast li turih meta gejt mitlub mmill-Pulizija biex jispezzjona** ( L.S. 368.02 Artiklu 8 ) ✓

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' WPS 145 Graziella Zammit (affidavit), PC 661 Christian Grech (affidavit), Anthony Baldacchino, Stephen Cachia (Transport Malta) u tal-imputat innifsu.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

*Imputazzjoni numru wieħed (1) u imputazzjoni numru tnejn (2)*

Mix-xhieda ta' Stephen Cachia (Transport Malta), Anthony Baldacchino u tal-imputat nnifsu joħroġ illi fiż-żmien tal-allegat reat il-vettura Ssang Yong (bin-numru ta' reġistrazzjoni ZZZ180) kienet reġistrata f'isem Anthony Baldacchino (bħala ABS Auto Dealer) u li kienet ilha hekk reġistrata mill-2013. Il-vettura kienet inbiegħet lill-imputat minn Baldacchino pero' t-trasferiment baqa' ma' sar qatt għaliex il-ħsieb kien illi l-vettura (li kellha ħafna ħsarat) tissewwa mill-imputat u tinbiegħ lil ħaddieħor meta imbagħad isir it-trasferiment skond il-liġi. Il-vettura thalliet ipparkjata f ghalqa quddien is-*showroom* ta' Baldacchino ġewwa Mdina Road, Qormi u għamlet żmien twil ipparkjata hemm. Ġara li f'xi żmien l-imputat sab lit-tifel ta' Baldacchino u qallu l-karozza ser iċaqlaqha minn quddiem is-*showroom* sabiex jehodha għand il-*mechanic* tiegħu. Meta Baldacchino beda jirċievi ċ-ċitazzjonijiet, it-tifel tiegħu mar fil-lok li kien indikat fl-istess ċitazzjonijiet, sab il-vettura (li kienet fit-triq) u qalala l-pjanċi ta' reġistrazzjoni.

Skond l-imputat, huwa kellu vetturi oħra għand il-*mechanic* fosthom Seat Cordoba (bin-numru ta' reġistrazzjoni ACM007) li kienet ilha xi xahrejn għand l-istess *mechanic*. L-imputat jgħid li kien il-*mechanic* li bi żball poġġa l-pjanċi ta' reġistrazzjoni tas-Seat Cordoba fuq is-Ssang Yong. Xehed ukoll illi f'xi żmien huwa talab li l-vettura tiġi ttowjata għal quddiem il-*garage* ta' missier il-*partner* tiegħu ġewwa r-Rabat fejn eventwalment instabet mill-Pulizija fis-17 ta' Diċembru 2018. Minn hemmhekk huwa ttowja l-vettura ġewwa l-għalqa privata tiegħu f'Wied il-Għajn fejn huwa għandu *boat house*. Kien proprju f'dik l-għalqa imbagħad li l-Pulizija sabu l-vettura l-għada 18 ta' Diċembru 2018.

L-imputat jisħaq illi ma' kienx hu li waħħal il-pjanċi ta' reġistrazzjoni tal-vettura Seat Cordoba (ACM007), liema vettura kienet reġistrata f'ismu fid-data tal-allegat reat (u kienet ilha hekk

reġistrata mill-2014) fuq il-vettura Ssang Yong. Insista ukoll illi huwa qatt m'għamel użu mill-vettura peress li din kienet bil-ħsara u filfatt kull meta ġiet mċaqalqa dejjem kien permezz tat-*towing.*

Il-Qorti ma' tħossx illi ġie sodisfatt, sal-grad rikjest mill-liġi, illi l-imputat effettivament qatt għamel użu min-numru ta' identifikazzjoni / marka ta' reġistrazzjoni ACM 007 fuq il-vettura Ssang Yong. Għalhekk m'hijiex ser issibu ħati fuq dawn iż-żewġ imputazzjonijiet.

*Imputazzjoni numru tlieta (3)*

Għalkemm ir-Regolament 13(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 jipprojbixxi l-fatt illi vettura tkun fit-triq (kemm jekk ipparkjata kemm jekk qed tintuża) mingħajr liċenzja għaċ-ċirkolazzjoni valida (jew permess għaċ-ċirkolazzjoni validu jew diska ta' liċenzja temporanja valida), madanakollu l-liġi ma' tipprovdix ghall-piena għal min **<u>bħala sid</u>** ta' vettura tinstablu l-vettura tieghu fit-triq bi ksur tar-Reg. 13(2). Huwa biss meta s-sid jinqabad isuq dik il-vettura illi l-liġi tipprovdi għal piena (kemm taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 u kemm taħt il-Kap. 65).

Inoltre mill-provi rriżulta illi fid-data tal-allegat reat l-imputat ma' kienx il-persuna reġistrata bħala sid il-vettura Ssang Yong bin-numru ta' reġistrazzjoni ZZZ180.

Għalhekk din it-tielet imputazzjoni ma' tirriżultax.

*Imputazzjoni numru erba' (4)*

Ir-Regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 jipprojbixxi l-fatt, salv għal xi eċċezzjonijiet, illi persuna jkollha fil-pussess tagħha jew taħt ir-responsabbiltà tagħha vettura li ma tkunx ġiet reġistrata mal-Awtorità. Pero' l-istess L.S. 368.02, ċitata mill-Prosekuzzjoni fl-avviz tal-komparixxi, tipprovdi piena biss (taħt Reg. 44(7)(a)) għas-**<u>sewqan</u>** ta' vettura li ma' tkunx liċenzjata. Hija l-leġislazzjoni prinċipali (Art. 21(1)(a) tal-Kap. 368) illi tipprovdi għar-reat speċifiku (marbut ma' piena) ta' meta vettura mhux reġistrata tinstab fil-pussess ta' persuna jew f'ċirkustanzi li jindikaw li qegħda tintuża minnu jew li qed iħalliha tiġi użata. Kif inhuwa ben stabbilit fil-ġurisprudenza, fil-każ ta' ċitazzjoni maħruġa mill-Pulizija Esekuttiva, din tirrikjedi biss li jkun fiha l-fatti ta' l-akkuża (Art. 360 (2) tal-Kap. 9 ). Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b' mod ċar ir-reat li tiegħu l-persuna tkun qed tiġi imputata, b' mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jiġi akkużat u għal liema reat jew reati jrid iwieġeb

F'dan il-każ, għalkemm il-kliem użat fl-imputazzjoni huma ċari u jittrattaw direttament il-fatti ravviżati taħt ir-Regolament 3 tal-L.S. 368.02, madanakollu huwa ċar ukoll illi l-fatt tal-pussess ta' vettura mhux reġistrata jaqa' ukoll bħala reat taħt il-liġi prinċipali. Għalhekk fil-mankanza ta' piena applikabbli għar-Regolament 3 tal-L.S. 368.02, f'każ ta' sejbien ta' ħtija l-Qorti tista' ugwalment tapplika l-piena applikabbli taħt il-liġi prinċipali.

F'din il-kawża mill-provi ħareġ li l-vettura in kwistjoni kienet ġiet reġistrata mal-Awtorita' fil-5 ta' Ġunju 2006 u għalhekk fid-data tal-allegat reat kienet reġistrata. L-imputazzjoni għalhekk ma' tistax tirriżulta.

*Imputazzjoni numru ħamsa (5)*

L-aġir ta' xi ħadd li jkollu vettura mgħammra b'windscreen tal-ħġieġ u li ma' jkollux id-diska tal-liċenzja mwaħħla fuq in-naħa tax-xellug tal-windscreen b'mod li tkun tidher minn quddiem huwa sanzjonat taħt ir-Regolament 17(2)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02. Strettament il-leġislatur ma' jipprovdix piena speċifika għal dan ir-reat għaliex l-eqreb reat li jista' japplika (li miegħu hemm abbinata piena), dak ravviżat taħt ir-Regolament 44(7)(c) tal-istess LS 368.02, jipprovdi għal piena ta' €25 għas-sewqan jew tħallija fit-triq ta' vettura mingħajr ma' l-liċenzja tkun imwaħħla mal-*windscreen* **irrispettivament mill-posizzjoni tagħha u mill-fatt jekk tidhirx minn quddiem jew le**.

Mill-provi għalkemm jirriżulta illi l-vettura kellha pjanċi ta' vettura oħra, madanakollu ma' ngħad xejn dwar jekk din kelliex liċenzja taċ-ċirkolazzjoni mwaħħla mal-*windscreen.* Anke li kieku tressqu provi f'dan ir-rigward, il-Qorti xorta kienet tkun tenuta li ma' timponiex il-piena applikabbli. Dan għaliex kif ġie deċiż numru ta' drabi mill-Qorti tal-Appell Kriminali[1], l-pieni taħt ir-Regolament 44(7) tal-L.S. 368.02 ma' jistgħux jiġu erogati mill-Qorti stante illi l-leġislatur ma' pprovdiex għal jekk dawn humiex multi jew ammendi.

---

[1] Ara fost oħrajn **Pulizija v. Carmelo Sammut** (App Krim 85/2015 GG, 30/10/2017) u **Pulizija v. James Zammit** (App Krim 66/2021 GG, 29/11/2021)

*Imputazzjonijiet numru sitta (6) u seba' (7)*

Dawn l-imputazzjonijiet huma lkoll reati kontravvenzjonali suġġetti għall-perjodu ta' preskrizzjoni ta' tlett (3) xhur. L-allegat reati twettqu fis-17 u 18 ta' Diċembru 2018 mentri l-imputat ġie notifikat fis-6 ta' Mejju 2019 (i.e. tlett ijiem ta' xogħol wara l-pubblikazzjoni fil-gazzetta lokali fl-1 ta' Mejju 2019. Għalhekk l-istess imputazzjonijiet huma t-tnejn preskritti.

*Imputazzjoni numru tmienja (8)*

Mill-provi ma' rriżultax illi l-imputat effettivament qatt għamel użu tal-vettura imsemmija u għalhekk din l-imputazzjoni ma' tirriżultax.

**Deċiżjoni**

Għar-raġunijiet msemmija l-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu.

**V.G. Axiak** — **Y.M. Pace**

**Maġistrat** — **Dep. Reġistratur**